**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Dicembru, 2023**

**Kawża Numru: 11**

**Rikors Guramentat Numru:- 196/2023 JVC**

**Marcian Viorel Otan**

**vs**

**L-Avukat General**
**L-Avukat tal-Istat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors kostituzzjonali li permezz tieghu r-rikorrent Marcian Viorel Otan premetta u talab kif isegwi:

'Illi b'sentenza ta' 27 ta' Marzu 2023 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti fuq bazi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew tat-3 ta' Gunju 2020, ordna l-estradizzjoni tar-rikorrent ghar-Rumanija u ordnat l-arrest tieghu pendenti l-proceduri ta' estradizzjoni.

Illi l-mandat ta' arrest Ewropew intalab mill-Qorti distrettwali ta' Prahova ta' Rumanija fit-3 ta' Gunju 2020.

Illi l-mandat imsemmi jindika illi r-rikorrent ghandu jservi piena ta' inkarcirazzjoni gewwa r-Rumanija ghal pirjodu ta' 3 snin.

Illi jirrizulta ukoll li s-sentenza ta'  pregunerija fil-konfront tar-rikorrent tikkoncerna offizi relattati ma falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u evazzjoni ta'taxxa.

Illi r-rikorrent intavola appell kontra d-decizjoni li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti moghtija mill-Mag. Dr. D. Frendo Dimech, f' 27 ta' Marzu 2023, liema appell ghadu jrid jinstema'.

Illi r-rikorrent ihoss li l-proceduri su indikati kif ukoll l-process li huwa kellu gewwa ir-Rumanija jilledulu id-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tieghu ta' smiegh xieraq kif kontemplati fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-

artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi r-rikorrent kien originalment mressaq quddiem il-Qorti gewwa r-Rumanija f'2014 meta kien akkuzat bl-akkuzi su riferiti.

Illi dik il-Qorti ikkundannatu piena ta' hames snin probation u ordnatlu jhallas ammont ta' flus prefiss min dik il-Qorti lill-terzi.

Illi ftit gimghat qabel ma ddekada t-terminu tal-probation jidher li saret denunzja fil-konfront tieghu fejn jidher li gie allegat li r-rikorrent ma hallasx is-somma indikata u dik il-Qorti giet mitluba tikkundanah fuq l-akkuzi originaljament adebiti u gie ikkundanat inter alia piena ta' tlett snin inkarcerazzjoni.

Illi insegwitu inharreg il-mandat ta' arrest Ewropew su indikat.

Illi l-esponent qatt ma gie debitament notifikat f'Malta ghall-udjenza li kellha ssir fl-2020 quddiem il-Qorti ta' Prahova fir-Rumanija.

Illi b'mod sorprendenti u a facile spedizzjone il-qorti tar-Rumanija innotifikat lil certu Nakxu Carmen li kien allura avukat tar-rikorrent f'materja civili bid-data tal-udjenza.

Illi ghandu jinghad li fil-proceduri kriminali gewwa r-Rumanija r-rikorrent kien qed jigi patronicat minn avukat penalista u cioe Boqdan Palade. Minhabba f'dan ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jifhem kif ghal tal-anqas almenu ma giex notifikat l-avukat defensur tieghu li kien jassistih fil-proceduri kriminali ta' hemmhekk.

Illi ftit zmien qabel l-udjenza r-rikorrent gie mgharraf minn Nakxu Carmen li kellu udjenza quddiem l-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali gewwa r-Rumanija u qallu biex jqabbad avukat ta' fiducja.

Illi l-esponent ghamel l-almu kollha tieghu fic-cirkostanzi u nkariga bhala avukat lil certu Adrian Cuculis. In effetti r-rikorrent qed jezebixxi ir-revolut transfer ta' pagamenti li huwa ghamel lil-avukat imsemmi (Dok A).

Illi l-imsemmi Adrian Cuculis ma deherx ghas-seduta u minflokk baghat subordinata tieghu Alin Dalgoci. Hawn pero' wara rrizulta lir-rikorrent li din l-anqas biss ma attendit ghas-seduta.

Illi jidher f'dawn ic-cirkostanzi li Alina Dalgoci baghatet hi ukoll subordinata taghha stess li kienet novizza fil-professjoni u li ma kellhiex zmien tiprepara jew ghal tal-inqas titkellem mar-

rikorrent. Min kienet din l-avukat r-rikorrent ghadu sal-lum ma jafx.

Illi per konsegwenza l-esponent zgur li ma kellhux l-opportunita jiddefendi ruhu quddiem dik il-Qorti fir-Rumanija ghax ma kellhu lil hadd ta' fiducja jirraprezentah.

Illi jinghad ukoll molto magis li dan kien fiz-zmien il-pandemija tal-Covid fejn kien iktar difficli sabiex ir-rikorrent seta b'xi mod jorganizza difiza serja u dan anke minhabba ragunijiet logistici.

Illi ghad li hu minnhu li l-Qorti Ewropew ghad-drittijiet tal-Bniedem tikkoncedi li jista' jinghata gudizzju in absentia, madankollu l-gurisprudenza konsistenti ta' dik il-Qorti hi fis-sens li f'tali cirkostanzi l-akkuzat jrid jinghata l-fakultajiet kollha neccessarji sabiex jiddefeni ruhu adekwatament.

Illi m'hemmx dubju illi f'dawn ic-cirkostanci r-rikorrent ma gie moghti l-ebda' opportunita' bazika li jiddefendi lilhu nnifsu.

Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrent jirreferi ghal kawza ta' Sejdovic v. Italy, deciza mill-Qorti Ewropew ghad-drittijiet tal-Bniedem fl' 1 ta Marzu 2006, fejn il-Qorti qalet:

*"86. Neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial(see Kwiaztkowska v. Italy (dec.), no.52868/99, 30 November 2000).However, if it is- to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Poitrimol, cited above, §31).".*

Minbarra min hekk il Qorti qalet illi:

*"..In this connection, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

Filfatt f'din il-kawza il-Qorti tikkonkludi:

*105.Inthelightoftheforegoing,theCourtconsidersthattheapplicant,whowast riedinabsentia and has not been shown to have sought to escape trial or to have unequivocally waived his right to appear in court, did not have the opportunity of obtaining a fresh determination of the merits of the charges against him `by a court which had heard him in accordance with his defence rights.*

*106. There has therefore been a violation of article 6 of the Convention in the instant case.*

Illi f'sentenza ohra moghtija minn l-istess Qorti fl-ismijiet ta' Somogyi v. Italy, deciza fit-18 ta' Mejju 2004, il-Qorti qalet:

*"In the absence of scrupulous supervision to determine beyond any reasonable doubt whether the applicant's decision not to appear has been unequivocal, the methods used by the Italian authorities had not enabled the standard required by Article 6 to be reached. Although the applicant had allegedly learnt of the proceedings through a journalist, this was not sufficient to meet the obligations arising under the Convention."*

Illi fil-kaz in dezamina kif intqal ir-rikorrent qatt ma rrinunzja l-jhedd tieghu li jiprezenta ruhu quddiem il-Qorti fir-Rumanija, qatt ma gie notifikat formalment, gie notifikat irregolarment, ghamel l-ghammlu tieghu sabiex jingagga avukat li ghandu fiduccja fih u fejn cioe' nonostante deher avukat iehor bla esperjenza u bla ma saret xi tip ta komunikazzjoni bejnhu u bejn ir-rikorrent.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi indubjament u b'mod skjacanti ghandu jirrizulta li l-esponent bl-ebda mod ma kellhu l-opprtunita' jiddefendi lilu nnifsu u per konsegwenza ma kellhux dritt ghal smiegh xieraq.

Illi l-esponent ghandu evidenza biex juri li jekk jigi estradit lejn ir-Rumanija dan ha jkun suggettat ghall-trattament inuman u degradanti. Jigi relevat biss f'dan l-istadju illi Rumanija hija maghrufa ghal vjolazzjonijiet kontinwi ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ghall kundizzjonijiet prekarji fil-habsijiet taghhom. Apparti minn hekk il-familja tal-esponent qeda suggettat ukoll ghat-theddid minn naha tal-membri tal-Pulizija tar-Rumanija.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrent ma kellux smiegh xieraq quddiem il-Qorti gewwa r-Rumanija fil-kawza su indikata u per konsegwenza gew lezi lilhu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali kif sangiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tiddikjara per konsegwenza illi l-proceduri nnizzjati fit-termini tal-mandat ta' arrest Ewropew, kif ukoll l-istess mandat ta' arrest Ewropew innifsu bhala monki, iriti u nulli essendo li gew instigati in virtu' ta' process gudizzjarju u eventwali ghas-

sentenza moghtija minn Qorti ta' Rumanija li ma ggarantitx lir-rikorrent id-dritt tieghu ghas-smiegh.

3. Tiddikjara li jekk il-mandat ta'arrest ewropew jigi ezegwit u l-esponent jintbghat lura ir-Rumanija huwa ser jigi assogettat ghal trattament inuman u degratanti bil-ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Thassar u tirrevoka l-effetti u konsegwenzi kollha tal-mandatt ta' arrest inkluz is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti, tas-27 ta' Marzu 2023 u taghti dawk ir-rimedji effettivi u ulterjuri li togghobha taghti fic-cirkostanzi.'

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali et li taqra kif isegwi:

'Illi r-rikorrent jallega illi fil-proceduri quddiem il-Qorti gewwa r-Rumanja huwa ma kellux smiegh xieraq ghaliex jallega illi qatt ma gie notifikat formalment, gie notifikat irregolarment u ma giex rapprezentat kif xtaq quddiem l-istess Qorti gewwa r-Rumanja u ghalhekk per konsegwenza jallega illi gew lezi lilu d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti wkoll illi per konsegwenza tal-

ewwel talba tiddikjara illi l-proceduri inizjati fit-termini tal-mandat ta' arrest Ewropew, kif ukoll l-istess mandat ta' arrest Ewropew innifsu bhala monki, irriti u nulli essendi li gew instigati allegatament in virtu ta' process gudizzjarju u eventwali ghas-Sentenza moghtija minn Qorti ta' Rumanija li allegatament ma ggarantietx lir-rikorrent id-dritt tieghu ghas-smieh xieraq. Finalment ir-rikorrent qieghed jitlob li thassar u tirrevoka l-effetti u konsegwenzi kollha tal-mandat ta' arrest inkluz is-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti tas-27 ta' Marzu 2023 u taghti dawk ir-rimedji effettivi u ulterjuri li joghgobha taghti fic-cirkostanzi;

Illi s-segwenti eccezzjonijiet qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi l-esponenti jecepixxu illi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi tistharreg u tiddieciedi t-talbiet tar-rikorrent u dan ghaliex qieghed jigi mitlub mir-rikorrent illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi r-rikorrent ma kellux smiegh xieraq quddiem Qorti li m'hijiex Qorti ta' Malta u/jew Ghawdex. L-esponenti jecepixxu illi t-tieni u tielet talbiet tar-rikorrent huma kollha per konsegwenza tal-ewwel talba u li ghalhekk anki dawn

jaqghu barra mill-poteri gurisdizzjonali ta' dina l-Onorabbli Qorti;[1]

2. Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti jeċepixxu illi huma ma jistghux iwieġbu għal allegati nuqqasijiet ta' Qrati jew Tribunali li mhumiex domestiċi u/jew għal allegati nuqqasijiet fil-Liġijiet jew proċeduri ta' Stati Membri oħrajn;

3. Illi fl-isfond tal-premessi u t-talbiet elenkati fir-rikors in risposta l-esponenti jecepixxu illi jekk ir-rikorrent ghandu xi rizervi dwar il-proceduri li ttiehdu fi Qrati ta' Pajjizi Ewropej ohra r-rikorrent ghandu l-għazla illi jirrikorri quddiem il-Qrati kompetenti f'dawk il-Pajjizi u mhux quddiem il-Qrati Maltin, liema Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni jiddeciedu u jaghmlu dikjarazzjonijiet dwar x'okkorra fi Qrati ta' Pajjizi Ewropej ohra;

L-esponenti ghalhekk minnufih jecepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li teżerċita' s-setgħat tagħha kostituzzjonali *stante* illi r-rikorrent kellu u ghad ghandu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur ir-rikorrent skont xi liġi oħra u dan ai termini tal-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso għall-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

**<u>Eccezzjonijiet fil-Mertu</u>**

4. Illi fil-mertu, l-esponenti jecepixxu illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi l-esponenti jirrilevaw illi fis-27 ta' Frar 2023 ir-rikorrent gie mressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) abbazi tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (EAW) mahrug mill-*Prahova County Court* gewwa r-Rumanja. Dan l-EAW inhareg mill-awtoritajiet Rumeni minhabba illi r-rikorrent gie kkundannat ghal piena ta' tliet (3) snin prigunerija ghal reati relatati fost ohrajn ma' frodi, evazjoni ta' taxxa u falsifikar. Fl-ewwel seduta r-rikorrent ikkonferma l-identita' tieghu quddiem dik l-Onorabbli Qorti u ddikjara li ser jikkontesta l-EAW. Il-Kaz gie ghalhekk assenjat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) *bħala qorti ta' kumpilazzjoni (Għall-għanjiet tal-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti rimandanti))* ghal smiegh dwar l-estradizzjoni. Minkejja dan, id-difiza ma qajmet ebda impediment ghal estradizzjoni *ai termini* tal-Ligi Sussidjarja 276.05 intitolata Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni imma infurma lill-Qorti illi huwa ilu jghix gewwa Malta ghal circa tmien (8) snin u li ghandu r-residenza abitwali tieghu f'Malta;

Illi tajjeb li jinghad illi quddiem dik il-Qorti l-Ispettur Spiteri prezenta dokumenti inkluz, imma mhux biss, dokument minn Imhallef Rumen (hawn anness u mmarkat bhala Dok '**RS 4**') fejn hemm dikjarazzjoni li r-rikorrent kien prezenti fis-seduti quddiem il-Qorti tal-prim'istanza gewwa r-Rumanija u li wara li telaq mir-Rumanja kien ghazel illi jigi rapprezentat minn rapprezentazzjoni legali ghan-nom tieghu. Johrog ukoll illi huwa gie personalment notifikat bis-seduti quddiem il-Qorti tal-Appell gewwa r-Rumanija;

Illi gara li fis-27 ta' Marzu 2023 dik il-Qorti ddeciediet illi tordna l-estradizzjoni tar-rikorrent lill-Istat Rumen u dan ghaliex ma kien hemm ebda impediment illi ma jsirx hekk. Ir-rikorrent appella dik id-decizjoni (fit-30 ta' Marzu 2023) u qajjem zewg aggravji fejn indika illi xtaq iservi s-Sentenza ta' prigunerija gewwa Malta u li ghandu biza' li ser jaffaccja trattament inuman u degradanti fil-facilitajiet korrettivi fir-Rumanija minhabba allegazzjoni ta' *overcrowding*. Illi l-Avukat Generali argumenta illi l-Ufficcju tal-Avukat Generali kien diga' infurma lill-awtoritajiet Rumeni bix-xewqa tar-rikorrent illi jservi s-Sentenza ta' Prigunerija gewwa Malta u li l-process tat-trasferiment tal-*custodial sentence* qieghda tigi processata. L-Avukat Generali infurma lil dik il-Qorti illi hija m'ghandhiex kompetenza tiddeciedi vertenzi dwar allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali giet infurmata b'dan u fid-24 ta' April 2023

ghaddiet sabiex tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti (hawn annessa u mmarkata Dok '**AG 1**');

Illi l-estradizzjoni tar-rikorrent hija sospiza minhabba l-fatt illi l-awtoritajiet Maltin qieghdin jittentaw illi jilhqu qbil mal-awtoritajiet Rumeni sabiex ir-rikorrent iservi s-Sentenza hawnhekk. Jekk dan il-qbil ma jintlahaqx ir-rikorrent jigi estradit fi zmien sebghat'ijiem;

Illi ghaldaqstant jigi eccepiet li ghal dak li jirrigwarda l-proceduri li ttiehdu mill-awtoritajiet u Qrati kompetenti f'Malta, dawn il-proceduri ittiehdu skont il-ligi. L-awtoritajiet u l-Qrati kompetenti wettqu d-dmirijiet taghhom b'serjeta' u diligenza. Illi l-esponenti ma jiffigurawx fil-proceduri li ttiehdu quddiem il-Qorti gewwa r-Rumanja. Anki li kieku b'xi tigbid ta' immaginazzjoni fertili *dato ma non concesso* u ghal grazzja tal-argument biss f'dawn il-proċeduri jistgħu jiġu kkunsidrati l-proceduri gewwa l-Qrati Rumeni, l-esponenti jirrilevaw illi d-dokument 'RS 5' juri bil-kontra ta' dak illi gie allegat fir-rikors promotur. Ghalhekk ir-rikorrent huwa zbaljat meta jallega illi l-mandat ta' arrest Ewropew u dawk il-proceduri kollha li segwew huma monki, irriti u nulli;

6. Illi l-esponenti jecepixxu illi ma sehhet ebda lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

7. Illi in vista tal-allegazzjonijiet bla ebda bazi u li m'ghandhom ebda rabta mal- proceduri gewwa Malta, u in vista tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jecepixxu illi l-proceduri odjerni huma abbuz sfaccjat tal-proceduri gudizzjarji. Għalhekk l-esponenti jeċepixxu illi dina l-azzjoni għandha wkoll tiġi dikjarata bħala semplicement frivola u vessatorja;

8. Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

9. Illi in vista tal-hames eccezzjoni u in vista tat-talbiet tar-rikorrent, l-esponenti jadixxu dina l-Onorabbli Qorti takkorda l-ispejjez ghal darbtejn kontra r-rikorrent;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Avukat Generali et li taqra kif isegwi:

'Illi din ir-risposta qieghda ssir ai termini tal-Verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2023 u b'risposta ghar-rikors tar-rikorrent tas-27 ta'

April 2023 fejn talab iz-zieda ta' talba gdida fis-sens illi l-Qorti ghandha *"tiddikjara li jekk il-mandat ta' arrest ewropew jigi ezegwit u l-esponent jintbghat lura r-Rumanija huwa ser jigi assogettat ghall-trattament inuman u degradanti bil-ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem";*

Illi s-segwenti eccezzjonijiet qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Illi in kwantu r-rikorrent jallega ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl**-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja**, l-esponenti jissottometti li l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdu *threshold* gholja li trid tigi sodisfatta sabiex jigi konkluz li huwa ngust li persuna rikjesta minn awtorita' estera tigi rimandata fl-Istat rikjedent. Illi bir-rispett kollu, fir-rikors tas-27 ta' April 2023, ghalkemm insibu hafna allegazzjonijiet ma nsibu xejn sostanzjat li b'xi mod jista' jissodisfa t-threshold rikjest minn dawn l-artikoli konvenzjonali izda r-rikorrent jistrieh kompletament fuq Sentenzi tal-ECtHR li r-rikorrent jirreferi ghalihom barra mill-kuntest fejn jislet partijiet minnhom b'mod l-aktar selettiv u li ma jirrispekkjax dak li fil-fatt hija s-sitwazzjoni reali;

2. Illi l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi li sabiex tista' tinstab vjolazzjoni ta' dan l-artikolu, ir-rikorrent ikun qed jiffaccja riskju reali u mhux mera possibilita'. Illi fil-kawza fl-ismijiet Vilvarajah and Others v. United Kingdom (1991) il-Qorti

Ewropeja osservat illi "*the decision by a Contracting State to extradite a fugitive may give rise to an issue under Article 3, and hence engage the responsibility of that State under the Convention, where substantial grounds have been shown for believing that the person concerned, if extradited, faces a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country*". Il-kaz ta' Vilvarajah kien jitratta persuni minn Sri Lanka li kienu jappartjenu ghall-moviment Tamil u li kienu qeghdin jallegaw riskju ta' trattament hazin in vjolazzjoni tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja** da parti tal-Istat minhabba l-kunflitt li kien hemm bejn il-Gvern ta' Sri Lanka u t-*Tamil Liberation Movement.* F'dak il-kaz, l-applikanti ma kienux inghataw stat ta' azil u gew ritornati lejn Sri Lanka. Il-Qorti Ewropeja ma kienitx sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan peress illi s-sitwazzjoni fi Sri Lanka kienet tjiebet u r-riskju li kien fadal ma kienx kunsidrat li kien sufficjenti sabiex jistabilixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi fil-kawza fl-ismijiet R *v. Denmark* (1991), il-Kummissjoni wara li ghamlet riferenza ghall-rapporti maghmula minn *Amnesty International*, xorta wahda kkonkludiet li ma kienx jikkostitwixxi trattament inuman li cittadin Iranjan jigi deportat lejn l-Iran fuq il-bazi tas-sitwazzjoni generali li kien hemm fil-pajjiz;

3. Illi l-interpretazzjoni ta' 'trattament degredanti' moghtija mill-Qorti Ewropeja hija fis-sens li dan it-trattament ikun intiz sabiex

jumilja lill-persuna (The Greek case – 1969). L-istess kien intqal fil-kawza fl-ismijiet *Abdulaziz, Cabales and Balkandali v.* UK – 1985;

4. Illi mill-pronunzjament suespost jidher bic-car li r-rikorrent mhuwiex gustifikat fl-ilment tieghu. Il-habsijiet tar-Rumanija bhal kull regim karcerarju iehor, jhaddan sistema ta' protezzjoni kemm ghall-individwu per se kif ukoll ghal kumplament tas-socjeta' in generali. Il-fatt li f'habs, kif huwa xieraq, ikun hemm sistema ta' sigurta' bl-ebda mod ma jfisser li persuna tigi assoggettata ghal trattament krudili jew inuman jew degredanti;

5. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza odjerna, il-habsijiet tar-Rumanija liema Stat huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll fil-Kunsill Ewropew, jhaddan sistema karcerarja li tirrispetta l-garanziji li joffru l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;.**

6. Illi r-referenza fir-rikors in risposta ghal Sentenzi li gew decizi mill-ECtHR kontra l-Istat Rumen fil-passat m'humiex prova probatorja tal-allegazzjoni illi r-rikorrent qieghed jaghmel fil-prezent. Ir-rikorrent jrid jipprova l-allegazzjoni tieghu b'rabta mal-interess guridiku personali u dan b'referenza ghal fatti specie tal-kaz u mhux jaghmel il-kaz tieghu billi jislet fatti minn decizjonijiet li huma in gudikat kontra terzi;

7. Illi fis-Sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-24 ta' April 2023 fl-ismijiet "The Police (Inspector Roderick Spiteri) Vs Marcian Viorel Otan" (EAW Proceedings

Number: 167/2023) dik il-Qorti kkunsidrat illi "*Having thus premised, the Court although it cannot ignore these reports filed by international institutions, finds however that it cannot entertain this grievance without having factual and concrete evidence in the acts to support the allegation, the evidence brought forward consisting only in the arguments put forward by appellant both in his written pleadings and his oral submissions, being third party findings and judicial pronunciations on the matter. In such cases of alleged breach, it is necessary for the requested person to demonstrate that there are strong grounds for believing that, if returned, he will face a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment. (see R v Special Adjudicator ex parte Ullah (2004) AC).* ***"This does not mean proof `on the balance of probabilities` but there needs to be a risk that is substantial and not merely fanciful.";***

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.'

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Mejju 2023, r-rikorrent talab korrezzjoni fir-rikors promotorju, liema korrezzjoni saret opposizzjoni ghaliha

da parti tal-intimati izda din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni dwar l-istess, awtorizzat tali korrezzjoni bil-fakulta' lill-intimati sabiex jipprezentaw risposta ulterjuri. Rat ir-rikors kif korrett u r-risposta ulterjuri tal-intimati.

Rat l-atti tar-rikors *interim* ntavolat mir-rikorrent annessi u rat id-digriet taghha datat 8 ta' Gunju, 2023

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' Gunju, 2023 l-Avukat tal-intimati ddikjara kif isegwi:

'B'referenza wkoll ghal dan ir-rikors Dr Degabriele jiddikjara illi z-zmien li r-rikorrent qieghed iqatta' taht arrest wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ser jitnaqqas mis-sentenza ta' piena karcerarja mis-sentenza originali mposta fir-Rumanija jekk huwa jiskonta l-piena fil-Facilita' Korrettiva ta' Malta minflok il-Facilita' tar-Rumanija. Jew altrimenti tinqata' minn perjodu li jrid jaghmel fir-Rumanija jekk jigi estradit.'

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Gunju 2023 gie ndikat kif isegwi:

'L-avukati tal-intimat prezentaw nota tal-Avukat Generali li in succinct tispjega li l-awtoritajiet tar-Rumanija accettaw li l-piena li fadal tigi skontat f'Malta u jiddikajraw illi dak indikat f'din in-nota jirrifletti s-sitwazzjoni sat-28 ta' April, 2023.'

Rat il-kontenut ta' din in-nota a fol. 85 tal-process liema nota telenka b'mod dettaljat kif u meta r-rikorrent ghandu jiskonta l-piena karcerarja mposta gewwa l-facilita' korrettiva f'Malta stess.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Dicembru, 2023 u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-atti odjerni r-rikorrent jilmenta minn allegat ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq rizultanti minn proceduri mehuda kontra tieghu fil-Qrati Kriminali tar-Rumanija. Jilmenta illi konsegwenza ta' hekk ghandu jigi revokat l-ordni li huwa jintbaghat lura fir-Rumanija sabiex iservi piena karcerarja ta' tlett snin fl-istess pajjiz konsegwenza ta' akkuzi u sejba ta' htija fuq akkuzi relatati ma' frodi u n-nuqqas ta' hlas da parti tieghu ta' dak li gie ordnat ihallas lil terzi. Ulterjorment ir-rikorrent jallega li jekk jigi mibghut ir-Rumanija u jinzamm fil-facilitajiet karcerarji f'dak il-pajjiz huwa ghandu biza' li jigi trattat b'mod inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiert tal-Bniedem, w'ghal din ir-raguni wkoll jitlob li jigi

mhassar l-ordni tal-Qrati Maltin sabiex jigi deportat lejn ir-Rumanija.

L-intimati da parti taghhom fil-qosor u fost ohrajn jeccepixxu li din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi fuq allegat agir kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent f'pajjiz iehor wisq anqas huma tenuti jirrispondu ghal dak li jaghmlu awtoritajiet ohra f'pajjizi ohra li m'humiex Malta. Fil-mertu jeccepixxu li l-ilmenti tar-rikorrenti mhumiex gustifikati u li dwar l-inkarcerazzjoni jsostu li kien hemm trattattivi pendenti sabiex ir-rikorrenti iservi l-piena karcerarja tieghu fil-Gzejjer Maltin.

**Eccezzjoni preliminari dwar il-Gurisdizzjoni:**

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-intimati dwar il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, l-Qorti taghmel referenza mill-ewwel ghat-tielet talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors promotorju kif korrett u tqis li certament m'ghandux ikun hemm dubju li ghandha gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi dwar l-istess in vista tal-gravita' tal-allegazzjoni li r-rikorrent jekk estradit jista' jigi assoggettat ghal trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Effettivament jirrizulta li kienet l-istess Qorti Kriminali f'Malta li dderigiet lir-rikorrent jistitwixxi l-proceduri odjerni fit-termini tal-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni sabiex jikkawtela l-jeddijiet

fundamentali tieghu f'dan ir-rigward. Ghalhekk dwar din it-talba l-eccezzjoni tal-intimati, li verament huwa koncess li tqajjmet qabel ma zdiedet din it-talba, mihiex gustifikata.

Illi b'referenza ghall-ewwel talba u t-tieni talba li hija konsegwenzjali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqra kif isegwi:

'Meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal- ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.'

Il-Qorti rat li dan l-artikolu ma jispecifikax li l-att li minnu jkun qed jilmenta l-persuna fil-kustodja ghandu jkun sehh jew ser isehh fil-Gzejjer Maltin anzi pjuttost jidher li dan l-artikolu jaghti applikazzjoni wiesgha ferm fil-poter tal-Qorti Kostituzzjonali in vista tal-ambitu tal-ligi ta' applikazzjoni internazzjonali li fih jinsab u r-referenza diretta mhux biss ghall-Kostituzzjoni ta' Malta izda wkoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u cioe' f'kazijiet fejn ir-rizultat ahhari huwa li l-persuna tigi estradita lejn pajjiz iehor.

Detto s-suespost izda l-Qorti tammetti li effettivament huwa ferm difficli li Qorti Kostituzzjonali f'Malta tkun tista' tanalizza u tiddeciedi dwar agir allegatament kontra d-drittijiet fundamentali tal-persuna f'ambitu ta' istituzzjoni barranija izda tqis li almenu l-Qrati f'Malta ghandhom, fit-termini tal-artikolu 16 tal-Kap. 276, il-gurisdizzjoni u l-fakulta' li jiddeciedu f'kazijiet fejn ikun jidher palasement u b'mod car li l-jedd fundamentali gie jew ser ikun lez. Dan dejjem fil-parametri tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi in linea mal-analizi suesposta l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni taghha mqajjma mill-intimati.

**Mertu:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati datata 27 ta' Marzu, 2023 esebita a fol. 12 et seq tal-process kif ukoll id-decizjoni tal-Qorti Kriminali datata 24 ta' April, 2023 a fol. 14 et seq tal-process li fil-konkluzjoni taghha taqra kif isegwi:

'Consequently, for the above-mentioned reasons, the Court dismisses applicant's appeal requesting the reversal of the Committal Order, thus confirms the decision of the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Committal of the 27th of March 2023 o rdering the surrender of Marcian Viorel Otan to the Judicairy Authorities of Romanida. Orders that appellant Marcian Viorel Otan be kept in custody to await his return tot he Judicial Authorities of Romania. Furthermore, in view of the fact that a request has been put forward by appellant to the competent Judicial Authorities of Romania and the Attorney General of Malta to serve in Malta the sentence meted out against him by the Court in Romania in terms of Framework Decizion 909/2008/JHA, this Court authorises that the return of the appellant to the Judicial Authorities of Romania be postponed until the determination of this request by the competent Judicial Authorities of Romania and of the Republic of Malta – it being made explicitly clear that it, for any reasons, no agreement is reached by the Judicial Authorities, the appellant is to be surrendered and returned to the Judicial Authorities of Romania in accordance with this decision and provisions of the Order, which surrender will not however take

place until the expiration of seven days from the notification to the appellant of the decision not acceding to his request. Moreover, in view of the application for redress filed by appellant regarding an alleged violation of his human rights in relation to his person in terms of the Constitution of Malta and of the European Convention Act, such as to justify a reversal, annulment or modification of the Court's order of Committal, his return is also suspended pending the outcome of these proceedings filed in accordance wit the provision of article 46 of the said Constitution or of the European Convention Act Chapter 319 of the Laws of Malta.'

Rat l-atti tal-proceduri tal-mandat ta' arrest Ewropew fil-Prim'Istanza esebiti mir-Registratur tal-Qrati Kriminali a fol. 42 et seq tal-process u hadet konjizzjoni tal-kontenut kollu tal-istess. Rat ukoll l-atti kriminali f l-istadju ta' appell esebiti a fol. 91 et seq tal-process u hadet kont tal-kontenut tal-istess inkluz id-dokumentazzjoni u rapport annessi. Rat ukoll il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ngabet a konjizzjoni ta' dik l-Qorti.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Marcian Otan** a fol. 203 et seq tal-process. F'dan l-affidavit tista' tghid li r-rikorrent jikkonferma l-fatti gia esposti fir-rikors promotorju salv ghall-ahhar parti. Huwa jixhed li kien fir-Rumanija tul il-proceduri kriminali fil-konfront

tieghu ghalkemm jallega li ma kienx prezenti ghas-sentenza izda appella mill-istess proceduri u rnexxielu fl-appell jibdel l-ezitu u gabu aktar favorevoli fil-konfront tieghu billi ottjena piena karcerarja ta' tlett snin sospiza ghal hames snin flok habs u l-imposizzjoni ta' hlas lit-terz. Izid li huwa prova jhallas l-ammont dovut lit-terz izda dan tal-ahhar ma riedx li jithallas ftit ftit. Jixhed li fil-frattemp beda hajja gdida fil-gzejjer Maltin u sar jaf izda li ttiehdu proceduri sabiex is-sentenza tigi konvertita ghall-habs stante li ma kienx sehh il-pagament. Jixhed li ghalkemm ma giex notifikat hu, avukat li gie notifikat f'ismu effettivament informa lir-rikorrent bil-proceduri. Jghid li appunta avukat sabiex jirraprezentah f'dawn il-proceduri izda skont hu minhabba 'unforeseen circumstances' dan ma setax jattendi w'allura ma kellux raprezentazzjoni. Il-Qorti tinnota li din il-parti tal-affidavit tikkontradixxi dak li gie espost fir-rikors promotorju fejn inghad li r-rikorrent kellu raprezentazzjoni izda mhux mill-Avukat nominat minnu izda persuna ohra li giet delegata mill-avukat nominat. Finalment jghid li huwa m'ghandux fiducja fl-awtoritajiet karcerarji gewwa r-Rumanija u li jibza' li jekk jinzamm hemm jigi assoggettat ghal trattament hazin u degradanti.

Rat l-affidavit ta' mart ir-rikorrent **Virgilia Otan** li in addizzjoni ghal dak li jixhed ir-rikorrent tghid li t-terz kreditur kien qed jaghmlilhom hajjithom difficli gewwa r-Rumanija. Tixhed li r-rikorrent dejjem zamm komunikazzjoni mal-'probation officer' li

allura dejjem kien jaf fejn kien jinsab ir-rikorrent. Skond din ix-xhud ir-rikorrent sar jaf bil-proceduri kontra tieghu sabiex il-piena tigi konvertita mill-internet izda nkariga avukat sabiex jiddefendih. Izzid li ma telax ir-Rumanija ghaliex ma kienx ufficjalment notifikat ghaliex kieku zgur kien imur. Tghid li jekk ir-rikorrent jinzamm fil-facilitajiet karcerarji Rumeni hija tibza li jigi assoggettat ghal trattament hazin u degradanti. Fl-affidavit taghmel referenza wkoll ghal xi decizjonijiet barranin fir-rigward tal-awtoritajiet Rumeni u tipprezenta dokumentazzjoni dwar l-istess ghalkemm il-Qorti tqis li bhala parti minn xhieda dawn ir-referenzi ftit li xejn jistghu jitqiesu li ghandhom xi valur probatorju kif sewwa ssottometta l-Avukat tal-intimati.

Rat in-nota tar-rikorrent datata 6 ta' Lulju, 2023 li premezz taghha huwa esebixxa bosta dokumentazzjoni konsistenzi f'rapporti internazzjonali u decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar l-istat tal-facilitajiet korrettivi gewwa r-Rumanija. Uhud minn dawn id-dokumenti gia kienu esebiti mal-atti kriminali.

Rat in-nota ulterjuri tar-rikorrent datata 6 ta' Lulju, 2023 li fiha l-Avukati tar-rikorrent iddikjaraw kif isegwi:

*'Illi fir-rikors promotur inghad illi r-rikorrent kien originalment mressaq quddiem il-Qorti gewwa r-Rumanija f'2014 meta kien akkuzat bl-akkuzi indikati fir-rikors u li dik il-Qorti kienet originalment ikkundannatu*

*piena ta' hames snin probation u ordnatlu jhallas ammont ta' flus prefiss minnha lill-terzi.*

*Illi ftit gimghat qabel ma ddekada t-terminu ta' probation jidher li saret denunzja minn certu Jula Gabriel fil-konfront tieghu fejn gie allega li r-rikorrent ma hallasx is-somma indikata u dik il-Qorti giet mitluba tikkundanah fuq l-akkuzi originaljament adebiti u gie ikkundanat inter alia piena ta' tlett snin inkarcerazzjoni.*

*Illi b'din in-nota l-esponent jixtieq jiccara illi huwa kien appella din id-decizjoni tad-denunzja permezz ta' l-avukat tieghu Adrian Cuculis. Madanakollu mis-sentenza tal-Qorti ta' Appell Kriminali fir-Rumanija datata 21 May 2020 li qed tigi ezebita bhala* ***Dok A*** *jirrizulta li meta din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh hu ma kienx debitament notifikat. In effetti minn l-istess sentenza jirrizulta li huwa gie notifiat fis-segwenti indirizz: 'Bucharest, 27 unirii Blvd, building 15, entrance 2, ap 39, 4th District. Dan kif huwa indikat f'Dok A bil-highlighter orangjo.*

*Illi jirrizulta li dan l-indirizz huwa tal-avukata Carmen Antoaneta Neacsu.* ***F'Dok B*** *l-avukata qieghda tikkonferma fl-affidavit taghha illi l-indirizz sue indikat huwa infatti l-indirizz taghha u li hi ma kienitx l-avukat ta' Mr Otan f'dawn il-proceduri.'*

Il-Qorti rat li din in-nota giet iffirmata mill-Avukati tar-rikorrent izda ma gietx guramentata mill-istess rikorrent. Rat id-

dokumentazzjoni annessa man-nota fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fir-Rumanija fil-konfront tar-rikorrent datata 21 ta' Mejju, 2020 a fol. 726 et seq tal-process. Minn din id-decizjoni l-Qorti rat li ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni r-rikorrent fil-proceduri odjerni, effettivament ir-rikorrent ippartecipa fil-proceduri mehuda fil-konfront tieghu ghall-konversjoni tal-piena tant li gie dikjarat kif isegwi:

*'The respondent Otan Marcian filed a memorandum requestion the rejection of the application for revocation on the ground that he did not show bad faith in not fulfilling his civili obligations, that he did not have the financial means to apy these damages and that he has health problems as shown by the medical documents attached to the file and found on pages 46 to 87. The respondent also pointed out that his income from work was not sufficient to apy the obligations established by the criminal judgement but only for his and his family's survival.*

*The fact that he has lodged an appeal against enforcement is a right which he has exercised, and the employment contract on file in the case proves that he is legalluy working in Malta. He considers that the application for revocation is unfounded, it was ldoged merely as a sanction to draw the respondent's attention to his civili obligations, there is no bad faith, but impossibility of performance of civili obligations.'*

Il-Qorti rat li fil-'memorandum' tieghu r-rikorrent ma qajjem l-ebda lment dwar in-notifika tieghu jew nuqqas taghha f'dawk il-proceduri wisq anqas qajjem xi oggezzjoni dwar l-indirizz indikat bhala l-indirizz li ghandu jigi uzat ghan-notifika tieghu gewwa r-Rumanija.

Minn din id-decizjoni jirrizulta wkoll li fi stadju ta' appell id-decizjoni tal-prim'istanza originali fil-proceduri kriminali giet varjata kif isegwi:

'The sentences imposed by the sentence under appeal were upheld and, finally, the carrying out under supervision of the principal sentence of 3 years' imprisonment was suspended for a probation period of 5 years, calculated with Article 82 of the 1969 Criminal Code.' (fol. 730)

Fit-termini ta' dik id-decizjoni r-rikorrent kien obbligat li jirraporta mal-ufficjali tal-'probation' u li jaghti pre-avviz tal-bdil fl-indirizz ta' residenza jew domicilju tieghu, apparti obbligazzjonijiet ohra. L-effetti tas-sentenza karcerarja gew sospizi pendenti l-perjodu ta' 'probation'.

Minn qari ta' din id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li l-ewwel Qorti laqghet it-talba u kkonvertiet il-piena. Jirrizulta wkoll li kien l-istess rikorrent li ntavola appell minn din id-

decizjoni. Johrog ukoll li r-rikorrent effettivament ressaq kemm aggravji bil-miktub kif ukoll kellu l-opportunita' li jressaq sottomissjonijiet ultejuri verbali u dik il-Qorti taghmel referenza ghalihom a fol. 732 u 733 tal-process. Rat ukoll li dik il-Qorti wara li ghaddiet sabiex gharblet il-lanzjanzi mressqa mir-rikorrent odjern (li ghal darb'ohra ma kienux jinkludu n-nuqqas ta' notifika jew xi zball fl-indirizz) ghaddiet sabiex tikkonferma l-*mala fede* tar-rikorrent u kkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti cioe' kkonfermat il-konversjoni tal-piena ghal wahda karcerarja.

Rat l-affidavit tal-Avukat Carmen Antoaneta Neacsu a fol. 739 tal-process u hadet kont tal-kontenut tal-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-premessi kif esposti u korretti tul il-proceduri u mill-provi fl-atti kif analizzati, l-Qorti rat li l-ilmenti tar-rikorrent huma principalment tlieta:

1. Nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri fil-konfront tieghu gewwa r-Rumanija;

2. Nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri fil-konfront tieghu gewwa Malta;

3. Biza' li jekk jigi estradit lejn ir-Rumanija huwa jigi assoggettat ghall-trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**1. Allegat nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri fil-konfront tieghu gewwa r-Rumanija:**

Illi minn analizi tal-provi fl-atti, dak li jallega r-rikorrent fir-rikors promotorju tieghu, l-versjonijiet varji li jaghti r-rikorrent fl-affidavit tieghu u fin-noti sussegwenti u mid-dokumentazzjoni esebita partikolarment sentenza tal-Qorti tal-Appell fir-Rumanija, jirrizulta li fil-proceduri kriminali per se, fejn ir-rikorrent instab hati u gie impost fuqu fi stadju ta' appell mill-istess rikorrent terminu ta' 'probation' ta' hames snin u pagament dovut lil terzi, fil-fatt ir-rikorrent kien prezenti ghal dawn il-proceduri gewwa r-Rumanija. Jirrizulta wkoll li r-rikorrent kien debitament assistit. Ghalhekk certament dan l-ilment ma jistax iregi fir-rigward ta' dawn il-proceduri.

Illi dwar il-proceudri ulterjuri li ttiehdu kontra r-rikorrent rizultat li r-rikorrent naqas milli jhallas dak dovut minnu lit-terz kif ordnat mill-Qorti, f'liema proceduri ntalab li s-sentenza tigi konvertita f'habs effettiva habba mala fede tar-rikorrent, ir-rikorrent fir-rikors promotorju tieghu isostni li ma kienx debitament notifikat. Izid li ghalkemm gie nfurmat bil-proceduri

huwa ma telax ir-Rumanija izda qabbad Avukat sabiex jirraprezentah u li skont dak li jsostni fir-rikors dan l-Avukat flok mar hu bghat lil xi hadd iehor.

Fl-affidavit tieghu ir-rikorrent ibiddel pjuttost il-versjoni li ta' fir-rikors promotorju dwar l-assitenza tal-avukat ghaliex isostni li ghalkemm ma giex notifikat hu, avukat li gie notifikat f'ismu effettivament informa lir-rikorrent bil-proceduri. Jghid ukoll li nduna bil-procedura permezz tal-internet. Jixhed li appunta avukat sabiex jirraprezentah f'dawn il-proceduri izda skont hu minhabba 'unforeseen circumstances' dan ma setax jattendi w'allura ma kellux raprezentazzjoni. Kif gia rrilevat il-Qorti aktar il-fuq din il-parti tal-affidavit tikkontradixxi dak espost fir-rikors promoter stante li f'dan tal-ahhar ir-rikorrent premetta li effettivament kienet attendiet f'ismu avukat novizz u mhux l-Avukat li qabbad hu.

L-istorja tkompli izda tithawwad u jkomplu jinqalghu il-kontradizzjonijiet meta din il-Qorti taghmel referenza ghall-fatti li jirrizultaw mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fir-Rumanija fejn minn qari taghha tirrizulta storja kompletament differenti minn dik esposta mir-rikorrent fir-rikors odjern. Fil-fatt jirrizulta mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell esebita (fol. 726 et seq) mill-istess rikorrent fl-atti odjerni illi:

i) illi r-rikorrent ippartecipa fil-proceduri mehuda fil-konfront tieghu ghall-konversjoni tal-piena anki fil-prim'istanza tant li prezenta sottomissjonijiet bil-miktub kif gia suespost;

ii) illi fis-sottomissjonijiet tieghu msejjha minn dik il-Qorti bhala 'memorandum' fi stadju ta' prim istanza, ir-rikorrent ma qajjem l-ebda lment dwar in-notifika tieghu jew nuqqas taghha wisq anqas qajjem xi oggezzjoni dwar l-indirizz indikat bhala l-indirizz li ghandu jigi uzat ghan-notifika tieghu gewwa r-Rumanija.

iii) Illi l-istess rikorrent prezenta appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li laqghet it-talba sabiex il-piena tigi konvertita f'habs effettiv.

iv) Illi r-rikorrent kellu l-oppotunita' li jressaq l-aggravji tieghu bil-miktub fl-istadju ta' appell u anki ghamel diversi sottomissjonijiet orali w'espanda fuq l-aggravji tieghu permezz tal-Avukat tieghu.

v) Illi anki fl-istadju ta' appell jirrizulta li ghal darb'oha r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment dwar ir-nuqqas ta' notifika jew xi zball fl-indirizz.

Kien biss wara dak kollu suespost li l-Qorti tal-Appell Rumena ghaddiet sabiex tikkonferma l-*mala fede* tar-rikorrent u kkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti cioe' l-konversjoni tal-piena.

Illi mis-suespost jirrizulta lil din il-Qorti li tul il-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent huwa kien effettivament presenti b'dana li kellu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.

Illi jirrizulta wkoll lill-Qorti li kienet ghazla libera tar-rikorrent li ma jattendix ghall-proceduri inizjati kontra tieghu intizi sabiex tigi konvertita l'piena izda rrizulta wkoll li kien debitament rapprezentat f'dawn il-proceduri u nghata l-opportunita' li jaghmel sottomissjonijiet kemm bil-miktub kif ukoll orali u wkoll intavola appell.

Illi johrog ukoll illi kienet ghazla libera tar-rikorrent li jibqa' Malta u minflok jinkariga avukat sabiex jattendi flokhu, ghaldaqstant, il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea f'dan ir-rigward ikkwotata mir-rikorrent, ma ghandha l-ebda applikazzjoni. Il-Qorti tqis li jekk huwa minnu li r-rikorrent b'mod volontarju inkariga Avukat li jista' jkun bghat lil xi hadd iehor flokhu semmai dik hija kwistjoni bejn l-istess rikorrent u l-Avukat u zgur ma tekwivalix ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova lanqas tracca ta' ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq fil-proceduri kontra tieghu fir-Rumanija, almenu minn dak li din il-Qorti setghet tara li sehh f'dawk il-proceduri mill-provi mressqa, w'ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent.

**2. Allegat nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri fil-konfront tieghu gewwa Malta:**

Illi dwar dan l-ilment il-Qorti tirrileva li effettivament ghalkemm ir-rikorrent fil-premessi tieghu jallega nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri fil-konfront tieghu gewwa Malta, din l-allegazzjoni mihiex konsegwentement riflessa fit-talbiet tieghu partikolarment fl-ewwel talba li tirreferi unikament u specifikatament ghall-proceduri gewwa r-Rumanija u xejn aktar. Fil-fatt lanqas tul il-proceduri kollha fl-atti ma regghet issemmiet din l-allegazzjoni u lanqas tressqu xi provi dwar dan. Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex tichad din il-pretensjoni kemm ghaliex mhux ippruvata kif ukoll ghaliex mihiex riflessa fit-talbiet tar-rikorrent.

**3. Biza li jekk jigi estradit lejn ir-Rumanija ir-rikorrent allegatament jigi suggettat ghall-trattament inuman u degradanti bi ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:**

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tirrikonoxxi li l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'bosta gurisprudenza taghha rrikonoxxiet li gewwa r-Rumanija hemm possibiltajiet kbar li persuna nkarcerata tista' f'certu centri tigi assoggettata ghall-trattament inuman u degradanti u fil-fatt dik il-Qorti tat diversi ordnijiet f'kazijiet ohra fejn dan gie allegat. Id-diversi rapport esebiti mir-rikorrent fl-atti ukoll jevidenzjaw dan. Fil-kaz odjern din il-Qorti rat li fil-mori tal-proceduri gie fis-sehh ftehim bejn l-Istat Malti u dak Rumen illi r-rikorrent jista' jibqa' jiskonta l-piena karcerarja mposta fuqu mill-Qorti Rumena gewwa l-facilitajiet korrettivi f'Malta stess.

Illi la darba din il-Qorti f'din id-decizjoni ma sabet l-ebda lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq isegwi li allura t-tieni talba tar-rikorrent, kif konsegwenzjali ghall-ewwel talba ser tigi wkoll michuda. Dan ifisser ukoll li l-piena karcerarja mposta fuq ir-rikorrent hija konfermata b'dana li allura r-rikorrent huwa dovut li jiskonta din il-piena. Ukoll, la darba jirrizulta li l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex l-intimat jintbaghat fir-Romanija fit-termini tal-Mandat ta' arrest Ewropew, kif konfermata fl-appell, giet sorpassata mill-ftehim milhuq bejn l-istati rispettivi li r-rikorrent jiskonta l-piena tieghu fil-facilitajiet Maltin, jirrizulta ghalhekk li ma tibqax tissussisti l-biza' li r-rikorrent jigi soggettat

ghal trattament inuman u degradanti b'dana li allura anki dan l-ilment da parti tar-rikorrent jista' jigi kunsidrat bhala sorvolat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati filwaqt li tilqa' l-bqija tar-risposti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tichad l-ewwel talba tar-rikorrent;

3. Tichad it-tieni talba tar-rikorrent stante li konsegwenzjali ghall-ewwel talba;

4. Tiddikjara it-tielet talba sorvolata stante l-ftehim bejn iz-zewg Stati li r-rikorrent jiskonta l-piena tieghu fil-facilitajiet korrettivi f'Malta.

5. Tilqa' r-raba' talba limitatament fis-sens illi thassar u tirrevoka l-effetti u konsegwenzi tal-mandat ta' arrest inkluz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 24 ta'

April, 2023, fil-konfront tar-rikorrent, limitatament ghal dik il-parti fejn tordna li r-rikorrent jigi rimandat fir-Rumanija u zzommha ferm sakemm din timponi jew twassal sabiex il-piena karcerarja tigi skontata fil-facilitajiet korrettivi f'Malta stess. Tichad il-bqija tar-raba' talba.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi, nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta' Dicembru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Dicembru, 2023**